MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-19 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 1594/2001/1

**Marcello Basile-Fasolo maghruf bhala Marcello Basile Cherubino**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku jew ir-rappresentant debitament awtorizzat tieghu**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta’ Ottubru 2002 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur. L-attur, permezz ta’ citazzjoni presentata fl-1 ta’ Ottubru 2001, fisser li huwa iben genituri Taljani. Missieru kien Domenico Basile-Fasolo u ommu Marcella nee` Cherubino, kif jirrisulta anke mill-Att ta’ Twelid mizmum fir-Registru Pubbliku (liema att sar a bazi tal-Att originali tat-twelid tieghu, mizmum fil-*Comune di Pisa*, u supplementat bil-fidi tal-maghmudija tieghu mahrug mill-Parrocca ta’ Primaziule, Diocesi ta’ Pisa). Huwa spjega li f’April ta’ l-1977 izzewweg Maltija (Joan Miller) u llum sar cittadin Malti, u li fl-Att ta’ Zwieg tieghu huwa jinsab indikat bil-imsemmi kunjom. Fisser ukoll li “matul hajtu” huwa “kien u ghadu maghruf fis-socjeta` bil-kunjom ta’ Basile Cherubino biss”, u in sostenn ta’ dan ipproduca diversi dokumenti, xi whud minnhom rilaxxjati wkoll minn entitajiet governattivi. Peress li, skond hu, huwa kellu interess li fl-Att ta’ Twelid tieghu, fl-Att ta’ Zwieg tieghu, kif ukoll “fid-dokumenti ufficjali kollha l-ohra li juru l-istat civili tieghu mizmuma fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta, inkluzi l-atti tat-twelid tat-tfal tieghu” kunjomu jigi indikat bhala “Basile Cherubino”, u peress ukoll “li dan il-fatt qed jikkagunalu pregudizzju kbir f’aktar minn aspett wiehed tal-hajja socjali tieghu u fin-negozju tieghu”, talab “korrezzjoni” fl-Att ta’ Twelid tieghu, fl-Att ta’ Zwieg tieghu, f’kull wiehed mill-Atti tat-Twelid tal-erba’ uliedu, u f’kull att iehor sabiex ismu jigi “formalment ikkoreggut u sostitwit bl-isem ta’ “Marcello Basile Cherubino”.

Permezz tan-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu tal-15 ta’ Marzu 2002, id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa hekk:

**“1. Illi fil-fatt l-attur irid ibiddel parti minn kunjomu u mhux ismu u ghalhekk it-talba hija inammissibbli fit-termini tal-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16.**

**“2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-meritu it-talbiet attrici huma infondati fil-**

**fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet segwenti:**

**“3. Illi l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 16 jispecifika li l-ulied fiz-zwieg ghandhom jassumu kunjom missierhom, li warajh jistghu jzidu kunjom xbubit ommhom, u ghalhekk kunjom l-attur ghandu jibqa’ Basile-Fasolo intierament bhala kunjom missieru u mieghu se mai jista’ jizdied Cherubino (kunjom xbubit ommu), izda zgur mhux permess mil-ligi li l-attur jelimina parti minn kunjom missieru;**

**“4. Illi di piu` ma hemm xejn zbaljat fl-atti ta’ status civili imsemmija mill-attur stante li dawn jikkostitwixxu verbal korrett ta’ l-istat ta’ fatt vigenti fid-data tat-twelid u ghalhekk fi kwalunkwe kaz lanqas ma hemm lok ghal azzjoni ghall-korrezzjoni bazata fuq l-izball.**

**“5. Illi l-esponent m’ghandux ibati spejjez.**

**“6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”**

Fl-udjenza tal-11 ta’ Gunju 2002 (fol. 35) quddiem l-ewwel Qorti, l-attur talab korrezzjoni (f’forma ta’ zieda) fit-talbiet tieghu fis-sens li wara kull talba jizdiedu l-kliem “u/jew tigi ordnata minn din l-Onorabbli Qorti l-annotazzjoni fil-margini tal-imsemmi att/atti illi l-attur hu maghruf bil-kunjom Basile-Cherubino”. Din it-talba giet milqugha mill-ewwel Qorti b’digriet ta’ l-istess data.

**<u>Is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti</u>**

L-ewwel Qorti, wara li ezaminat sew il-gurisprudenza kollha in materja, cahdet it-talbiet attrici peress li rriteniet li dak li kien qieghed effettivament jitlob l-attur kien li “jibdel” kunjomu billi minflok il-kelma “Fasolo” wara “Basile” tidhol il-kelma “Cherubino”, haga li, skond l-ewwel Qorti, kienet tmur direttament kontra dak li jipprovdi l-Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili. Kopja tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti qed tigi annessa ma’ din is-sentenza bhala Appendici “A” biex tifforma parti integrali minnha, u dan peress li fl-

imsemmija sentenza, apparti t-talbiet u l-eccezzjonijiet, hemm referenza ghas-sentenzi precedenti kollha li dik il-Qorti hadet in konsiderazzjoni u ezaminat.

## L-appell

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li filwaqt li l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel parti ta' kull wahda mill-erba talbiet tieghu – fejn kienet qed tintalab "korrezzjoni" – hija ma ppronunzjatx ruhha dwar it-tieni parti ta' kull wahda mit-talbiet, cioe` fejn intalbet li ssir annotazzjoni fil-margini ta' kull att b'mod li jigi indikat li l-attur hu maghruf bil-kunjom "Basile Cherubino". F'certu sens l-appellant ghandu ragun, in kwantu r-ragunament ta' l-ewwel Qorti hu bbazat esklussivament fuq il-fatt li hawn mhux il-kaz ta' "korrezzjoni" ghax ma hemm ebda "zball". L-ewwel Qorti effettivament ma ppronunzjatx ruhha dwar jekk, una volta li ma kienx hemm lok ghal korrezzjoni, ghandhiex takkorda almenu t-talba limitatament sabiex fuq kull wiehed mill-atti indikati issir annotazzjoni fil-margini fis-sens li l-attur hu maghruf bil-kunjom "Basile Cherubino" – dik il-Qorti semplicement cahdet it-talbiet attrici kollha kemm huma, inkluza dik il-parti ta' kull talba kif mibdula bid-digriet tal-11 ta' Gunju 2002 aktar 'l fuq imsemmi.[1] Ghalhekk bir-rikors ta' appell tieghu l-appellant qieghed jitlob biss riforma tas-sentenza, fis-sens li ssir l-annotazzjoni fil-margini kif mitlub, u mhux issir il-korrezzjoni.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

L-appellant qieghed jibbaza ruhu prattikament fuq tlett sentenzi. L-ewwel wahda hija ***Michele Mc Lean gia` Abdilla v. Notaro Salvatore Cremona nomine et*** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru 1930. Huwa veru li f'din is-sentenza dik il-Qorti kienet ippermettiet li ssir "annotazzjoni" f'diversi atti ta' l-anagrafe wara li l-attur,

[1] Ghall-precizjoni jinghad li wara li giet pronunzjata s-sentenza appellata, l-attur, permezz ta' rikors presentat quddiem dik il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 2002, talab, a tenur ta' l-Artikolu 235 tal-Kap 12, li l-Qorti "tipprovdi" dwar it-tieni parti ta' kull talba. L-ewwel Qorti korrettement cahdet din it-talba ghax proprjament ma kien hemm ebda *omissa decisione* – it-talbiet fl-intier taghhom kienu gew michuda indipendentement mill-motivazzjoni fl-istess sentenza.

waqt li kien l-Ingilterra, biddel "per atto pubblico" kunjomu minn Abdillah ghal Mc Lean, izda din is-sentenza ghandha titqies superata bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-14 ta' Frar 1947 fl-ismijiet ***Joseph Cutajar v. Avv. Dr John Scicluna noe*** fejn it-talba ghal tali annotazzjoni giet rigettata proprju fuq il-motivazzjoni li wiehed m'ghandux joqghod ibaghbas mal-kunjom tal-familja semplicement ghax ma joghgbux ismu (f'dan il-kaz l-attur kien biddel ismu minn "Cutajar" ghal "Hamilton Cutajar" permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit). Sentenza ohra li qed jistrieh fuqha l-appellant hija dik moghtija minn din il-Qorti (ovvjament diversament komposta) fl-20 ta' Jannar 1986 fl-ismijiet ***Dr Mario Rizzo maghruf bhala Dr Mario Rizzo Naudi v. Direttur tar-Registru Pubbliku***. F'din is-sentenza din il-Qorti, meta t-talba jew talbiet ta' l-attur kienu biss ghal "korrezzjoni", kienet qalet – pero` dan qalitu biss *obiter* – li *"Kif inhuma l-affarijiet ma hemm xejn xi jzomm l-attur milli jekk irid jaghmel xi azzjoni ohra li talvolta tista' twassal ghal xi annotazzjoni fl-att ta' twelid tieghu."* Din is-sentenza, kif ukoll it-tielet sentenza li fuqha qed jistrieh l-appellant odjern, u cioe` dik ta' din il-Qorti (diversament komposta) tat-2 ta' Marzu 1994 fl-ismijiet ***John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace v. Direttur tar-Registru Pubbliku***, gew ikkunsidrati minn din il-Qorti kif illum komposta fis-sentenza tas-16 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet ***Damian Damian-Schembri v. Direttur tar-Registru Pubbliku***. F'din l-ahhar sentenza din il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk:

**"Annotazzjoni fil-margini tal-att ta' twelid, jekk hi permessa mill-gurisprudenza – u f'dan ir-rigward l-appellant jistrieh tista' tghid esklussivament fuq is-sentenza *Zammit sive Zammit Pace v. Direttur tar-Registru Pubbliku* aktar 'l fuq imsemmija – ghandha ssir <u>biss f'kazijiet eccezzjonali</u> li verament ikunu jimmeritaw li dak l-att b'xi mod jintmess. Fil-kaz ta' *Zammit sive Zammit Pace* l-attur kien almenu addotta kunjom <u>ommu</u> – addizzjoni mal-kunjom tal-missier li l-legislatur haseb ghaliha bl-emendi introdotti bl-Att XXI ta l-1993 – u mhux qabad ismu u abbinah ma' kunjomu biex jivvinta kunjom gdid. Din il-Qorti ma**

**tistax tippermetti dawn il-hmerijiet fl-atti ta' l-anagrafe."**

Din il-Qorti ghadha tal-fehma li huwa biss f'kazijiet eccezzjonali li ghandha tigi akkordata talba ghal annotazzjoni fil-margini. Fil-kaz in dizamina dak li qed jippretendi l-appellant huwa li jitronka kunjom missieru – minn Basile-Fasolo igibu biss Basile – u mieghu izid kunjom ommu. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti dak li effettivament ghamel l-appellant – ghax hu fil-fatt ilu zmien isejjah lilu nnifsu u jidentifika ruhu ma' terzi bhala Basile Cherubino – jippekka kontra l-Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili sia kif kien meta nghatat is-sentenza appellata (*"Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jzidu kunjom xbubit ommhom.")* u sia kif inhu llum, cioe` wara l-emendi introdotti bl-Att XVIII tas-sena 2004 (*"Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jizdiedu, skond l-artikolu 292A, kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha."* [2]). Ghalhekk l-appellant ma jistax jippretendi li din il-Qorti u l-anagrafe b'xi mod jagevolaw dak li huwa palesement kontra l-ligi. S'intendi, l-appellant jista' jsejjah lilu nnifsu dak li jrid – pero` skond il-ligi huwa jibqa' kunjomu Basile-Fasolo; huwa jista' biss, jekk irid, izid il-kunjom Cherubino ma' dan Basile-Fasolo. Din il-Qorti tinnota a propositu ta' dan il-kunjom li meta l-appellant mar ghamel id-dikjarazzjoni fir-rigward tat-twelid ta' ibnu David fl-10 ta' Marzu 1998 (ara Att ta' Twelid 1179/78, fol. 20) huwa ddikjara kunjomu bhala Basile. Pero` meta, erba' snin wara, mar ghamel id-dikjarazzjoni fir-rigward tat-tifla Luisa (ara Att ta' Twelid 1123/82, fol. 21) huwa ddikjara kunjomu bhala Basile Fasolo.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellant.

Deputat Registratur

gr

[2] L-Artikolu 292A jipprovdi ghall-modalita` ta' kif u meta ghandha tinghata l-indikazzjoni ta' x'kunjom ser jaddotta t-tifel (jew tifla) konformement ma', fost disposizzjonijiet ohra, l-Artikolu 4(3).

<u>Appendici "A"</u>

Kopja tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti qed tigi annessa ma' din is-sentenza bhala Appendici "A" biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------